MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

16 ta' Novembru 2016

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARK ANTONY SPITERI – Viċi Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR - Kunsillier
JOHN DEBONO - Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ALEX MANGION – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, Is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa.

## 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

20.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Alex Mangion u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. Qalet ukoll li skond Cirkulari 17/2016 se tibda tittiehed l-attendenza tal-membri fuq *template* filwaqt li skond Kapitlu 363, Artiklu 18 , rigwardanti attendenza u Artiklu 32(2) l-allowance trid tinghata proporzjonatament mal-attendenza. Ghaldaqstant se jitnaqqas ammont mill-allowance li jmiss tas-Sur Mangion.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

20.2.1 Approvati.

## 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.3.1 Is-Sindku talab lis-Segretarja taqra korrispondenza rigward talba sabiex Triq l-Insolja tigi *one way.* Is-Sur John Debono qal li t-traffiku jrid jinfirex x'imkien minhabba li kif qalet tajjeb is-Sinjura Abela certu toroq principali kienu maghluqa minhabba x-xogholijiet. Is-Sur Cassar qal li kull fejn ikun hemm xogholijiet u minhabba li kien hemm Triq il-Kappella tal-Mirakli maghluqa ha jinqalghu inkonvenjenti zgur u li din hi sikkina taqta' minn zewg nahat. Ghandha tinghata risposta f'dan is-sens. Is-Sur Cordina qal li rigward xogholijiet f'din l-area bhalissa qed isir il-pressure testing u li hu ha jibqa' jissorvelja x-xogholijiet u f'kuntatt mal-perita tal-Korporazzjoni ghas-servizzi tal-Ilma.

20.3.2 Is-Sinjura Mifsud qrat korrispondenza fuq proposta ta' *bicycle park.* Is-Sindku qal li mhix ideja hazina u li forsi wiehed jista' jikkonsulta l-Perit u jsir disinn skond kif intwera l-kulhadd fuq il-laptop mis-Sur Cassar. Gie propost Gnien il-Palma sabiex isir ix-xoghol fuqu.

20.3.3 Is-Sinjura Mifsud regghet ressqet ghall-attenzjoni tas-Sindku l-invoice mill-Majjistral. Hi qalet li skond Cirkulari 19/2016 irid jingab il-permess tad-Dipartiment sabiex isir shubija ma' xi *action group*. Ghalhekk hi ha tikteb lid-Dipartiment u fiha turi l-hsieb tal-Kunsill dwar il-hlas eccessiv tal-Invoice u jekk tircievi approvazzjoni sal-ahhar ta' Novembru l-pagament jidhol fic-cedola kurrenti. Kulhadd qabel.

20.3.4 Is-Sindku qal li s-Sur George Borg li prezentament jinsab impjegat mal-Kunsill bhalha skrivan gie offrut il-pozizzjoni ta' flok is-Sur Caruana. Is-Sur George Borg ma weriex ix-xewqa li jidhol minfloku u imma nghata c-cans li ghati risposta s'ghada. Fl-eventwalita' li dan ma jaccettax ghandha tintbaghat risposta li l-kuntratt tieghu sa jiggedded b'hames xhur.

20.3.5 Is-Sur Cordina semma l-izvilupp ta' Triq Dun Mikiel Xerri. Hu ssuggerixxa li kulhadd jaghmel l-oggezzjonijiet tieghu fuq PC 00061. Is-Sur Zammit qal li zgur li ghandhom

ikollhom fejn jonxru filwaqt li s-Sur Azzopardi saqsa kemm hemm minimum open space u kemm jista' jsir zvilupp. Kulhadd ghandu jaghmel oggezzjoni individwalment.

20.3.6 Is-Sur Cordina qal li avvicina li l-Socjeta' Muzikali 'La Stella Levantina' Banda Santa Marija sabiex jissewwa l-armar tal-Milied u jittellghu ghall-Milied bhas-soltu. Pero' l-istima tat-tiswijiet telghet ghall-madwar € 500 filwaqt li naturalment imbaghad hemm l-ispejjez tal-*high up* u tas-servizz moghti mis-socjeta' li tul dawn is-snin varjaw minn €250 ghall-€500. Hu qal li bil-hsieb ta' dan kollu hu gab stima ohra ta' armar kollox f'idejn il-kuntrattur u spejjez ghalih u jintramaw Triq il-Kbira kollha u Triq il-Mosta kollha sa hdejn il-BOV plc. Hu qal li l-prezz hu €1000. Is-Sur Spiteri qal li jippreferi li jahdmu x-xoghol l-ghaqdiet tar-rahal. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li jista' jinghata *time frame* ta' kemm ha jdumu biex isewwu ghax hmistax ohra maghna. Is-Sur Spiteri qal li jekk ma jirnexxilhomx isewwu sal-hin jaqbel mal-istima imma jippreferi li kieku jibqghu fil-parametri biex ma jintilifx dak li l-Kunsill ikun hadem ghalih tul is-snin.

20.3.7 Is-Sur Cordina nforma lill-Kunsill li wasal ghall-arrangament mar-residenti ta' Triq Sant'Anna fuq l-*automated bollards.* Qal ukoll li se ssir applikazzjoni ghall-Un/loading bay fi Triq il-Kbira.

20.3.8 Is-Sur Cordina qal li harget il- *call* ghall-impieg ta' *full time clerk* u *part time tradesman*. Is-Sur Zammit qal li issa missu l-Kunsill idahhal skrivan ragel u li ma jkunx mahsub ga min ha jiddahhal bhal ma gara fil-kaz tas-Sinjura Julie Cachia, filwaqt li qal lis-Sindku biex jghid lill-dak il-gdid (Contracts Manager) li ilu hmistax ma jiknes it-triq tieghu il-kuntrattur. Is-Sinjuri Abela u Scerri qabzu u qalu li ma tarax li ha jigi deciz li jiddahhal ragel filwaqt li s-Sur Cordina b'tonn irrabjat qal li issa xeba' jisma' l-istess affarijiet kull laqgha fuq l-ingagg tas-Sinjura Cachia. Tenna li kollox sar kif suppost u li d-diskors tieghu huwa kumbinazzjoni preciz u identiku ghal dak tad-Dipartiment u ma jiskantax issa min fejn gie u li safrattant jghid u jghid ma gab l-ebda prova li sar xi haga skorrett ghax fil-fatt kulhadd jaf li ma kien hemm xejn skorrett. Qallu wkoll li hu mhu ha jghid xejn lill-ebda kuntrattur u jekk irid jaghmel rapport jaghmel bhal ma jaghmel haddiehor u jcempel l-ufficcju jekk ikollu xi lment. Qal fl-ahhar li ghalissa harget il-*call* u x'hin jaslu ghall-ghazla tal-*panel* jergghu jiddiskutu.

20.3.9 Is-Sur Cordina nforma lill-Kunsill li saret laqgha ma' Transport Malta fuq is-sitwazzjonijiet ta' Triq Victor Vassallo u Triq il-Kappella tal-MIrakli.

20.3.10 Is-Sur Cordina nforma l-Kunsill li ghandu kwotazzjoni minghand Greenpak rigward l-installazzjoni tal-cameras removalable mal-Bring-in Sites. Qal kif ga diskuss dawn se jiehdu hsieb il-monitoragg u li jekk jitharrek xi had jitilghu il-Qorti. Pero' kien hemm spiza zghira ghall-*batteries* li tammonta ghall-€400. Kulhadd qabel mal-ispiza.

## 20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

20.4.1 Is-Sur John Debono talab li jitqabbad il-perit biex jingabu l-kundizzjonijiet originali ta' meta hareg il-permess originali li jsajjru fuq il-post. Talab ukoll li tingab informazzjoni preferibbilment sal-laqgha li jmiss fuq il-bdil minn Class 4C ghal 4D.

20.4.2 Is-Sur Alfred Zammit talab li issa li l-Kunsill ghandu Contracts Manager hemm bzonn li jaghti attenzjoni lit-toroq Faqqiegh u Victor Vassallo. Fakkar fuq il-hajt ta' Triq il-Wied ta' Rmiedi. Is-Sur Spiteri qal li mhux responsabbilta' tal-Kunsill la l-hajt u lanqas il-Wied.

20.4.3 Is-Sur Ralph Cassar qal li l-progett tal-Urban Greening Project gie mitmum u kollox mar kif suppost bl-ghajnuna tas-Sinjura Scerri li kellha hafna hin ghall-maghhom. Qal li nsterqu xi pjanti minn Gardina tal-Kromb u intlew il-konok ta' Victor Vassallo. Talab li jigi mfakkar Greenpak fuq il-gbir ta' skart organiku. Is-Sindku qal li jekk mhux sa ssir kampanja edukattiva sew ma jidholx u fil-kaz jibdew f'Mejju. Qal ukoll li sar *bank* tal-hwejjeg iehor minhabba li mhux qieghed iservi wiehed hdejn l-iskola u li fuq il-kalendarju ghandhom ikunu ndikati cari l-granet ta' gbir ta' hwejjeg.

20.4.4 Is-Sinjura Marisa Abela halliet il-kamra fis-6.35pm.

20.4.5 Is-Sinjura Connie Scerri talbet lill-Kunsill jikkunsidra biex tigi restawrata t-telefon box ta' hdejn il-Pjazza. Hi qalet li din ilha ma tintuza mill-2012 u li ghamlet kuntatt mas-Sur Joe Magro Conti. Kulhadd qabel.

20.4.6 Is-Sur Raymond Azzopardi saqsa fuq il-ftuh tal-ghassa. Is-Sindku qal li ga inghatatlu risposta fil-laqghat precedenti li m'hemmx bizzejjed ufficcjali biex tinfertah kuljum,

## 20.5 Rapporti

20.5.1 Ma kienx hemm rapport x'jitressqu.

## 20.6 Attivitajiet

20.6.1 Saret diskussjoni bil-*live stream* mitfi fuq Gieh H'Attard. Kien hemm zewg nominazzjonijiet biss: Sur Emanuel Cremona u Attard Football Team….is-Sur Spiteri propona li l-Unur Gieh H'Attard imur ghand is-Sur Cremona. Gie sekondat mis-Sindku u kien hemm qbil unanimu mill-kumplament tal-Kunsilliera.

## 20.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' pagamenti

20.7.1 Approvati

## 20.8 Rizoluzzjonijiet u/jew Mozzjonijiet

20.8.1 Ma kienx hemm rizoluzzjonijiet u mozzjonijiet.

## 20.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

20.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għas-6 ta' Dicembru 2016 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 6 ta' Dicembru 2016.

Stefan Cordina Marica Mifsud

Sindku Segretarju Eżekuttiv